MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 93/2012

**Falzon Fuel Services Limited**
**vs**
**Sunshine Breaks Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tal-31 ta’ Jannar 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta rikorrenti ghal hlas ta' diversi fornimenti ta' prodotti petroliferici, iktar specifikament heating diesel moghti lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess, kif jidher minn fatturi u delivery notes li qed jigu hawn annessi u mmarkati DOK A;

2. Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' hmistax-il elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€15,281.78) in kwantu tlettax-il elf hames mija u disgha u disghin ewro

u disgha u disghin centezmu (€13,599.99) bhala sorte u elf sitt mija u wiehed u tmenin ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,681.79) in kwantu imghax kkalkulati sal-31 ta' Dicembru 2011. Dan l-ammont irid jinghadd flimkien mal-imghax bir-rata ta' tmienja fil mija (8%) fis-sena sad-data tal-pagament effettiv. L-ammont totali inkluz l-imghaxijiet sat-31 ta' Dicembru, 2011 qed jigi pprezentat f'forma ta' statement anness u mmarkat DOK B;

3. Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi kemm verbalment kif ukoll bil- miktub biex jithallas dan l-ammont dovut u minkejja dan baqghet inadempjenti, u ghalhekk qed issir l-odjerna procedura. Kopji ta' ittri bonarji mibghuta nhar il-25 ta' Novembru u l-20 ta' Dicembru 2011 qed jigu annessi u mmarkata DOK C;

4. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fehma tas-socjeta attrici u tar-rapprezentant taghha, is-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghaldaqstant, s-socjeta attrici ghar-ragunijiet hawn fuq premessi qieghdha bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

a. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Tiddikjara lis-socjeta konvenuta responsabbli ghall-hlas ta' hmistax-il elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€15,281.78) rapprezentanti l-hlas tal-fornimenti ta' heating diesel hawn fuq imsemmija u imghaxijiet, flimkien ukoll mal-hlas ta' imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena sad-data tal-pagament effettiv;

c. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti l-istess ammont ta' hmistax-il elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€15,281.78) flimkien ukoll mal-hlas ta' imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena sad-data tal-pagament effettiv;

Ghaldaqstant is-socjeta attrici umilment titlob lill-din il-Qorti joghgobha tordna lil rapprezentant tas-socjeta konvenuta sabiex jidher quddiemha fil-jum u fil-hin li lilu jigi moghti;

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax kontra s-socjeta konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta attrici;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx ghas-seduta;

Semghet ix-xhieda ta' Joseph Falzon li kkonferma li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghadu kollu dovut kif mitlub billi ma thallas ebda parti minnu;

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' hmistax-il elf mitejn u wiehed u tmenin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€15,281.78), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------